**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. Anna Mallia**

Seduta tat-02 ta' Gunju, 2017

Talba Numru: 482/2016 AM3

Numru fuq il-Lista: 22

**GO plc (C22334)**
**Triq Fra Diegu,**
**Marsa MRS 1501**

**Vs**

**Greta Grassi (I.D. 0069635A)**
**St Joseph, Flat 1,**
**Triq Sant' Antnin,**
**St Paul's Bay**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fis-26 ta' Ottubru, 2016 li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet minghand il-konvenuta l-hlas ta' elf sitta u tmenin ewro u sebgha u disghin centezmu (€1,086.97c) in konnessjoni ma' servizzi elettronici ta'

kommunikazzjoni maghrufa bhala ‘Limitless 60’ liema servizzi gew pprestati mis-Socjeta’ attrici lil konvenuta fuq l-akkonti AC40442998 u AC40438569.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawza fit-termini preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-Socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Ghaldaqstant it-Tribunal wara li semgha lill-Avukat Difensur tas-Socjeta’ attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-Socjeta’ attrici tirrizulta gusitifikata u timmerita konferma.

Għaldaqstant, it-Tribunal qed jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lil konvenuta thallas lis-Socjeta’ attrici s-somma ta’ elf sitta u tmenin ewro u sebgha u disghin centezmu (€1,086.97c) bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja, huma a kariku tal-konvenuta.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**